**21 ta' Mejju, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Edward Vincenti Kind pr. et ne.

*versus*

Maria Portelli pr. et ne.

**Bejgħ ta' Karrozza — Trasferiment tal-Liċenza — Danni — Reg. 19 u 25 tat-Traffic Regulations.**

*Min ibiegħ karozza lil ħadd ieħor għandu l-obligazzjoni, indotta mill-liġi stess, li jagħmel dak kollu li jeħtieġ sabiex l-akkwirent tal-karrozza jkun jista' jutilizza l-karrozza lilu trasferita; u kwindi li jagħmel dawk il-formalitajiet li jkunu meħtieġa sabiex isir it-transfer tal-liċenza tal-karrozza favur l-akkwirent. U jekk fl-adempiment ta' dawn il-formalitajiet ikun hemm dewmien kolpus da parti tiegħu, huwa jkun inadempjenti u tenut jirrispondi għad-danni favur l-akkwirent.*

*Fil-każ li wieħed jixtri karrozza ġdida bi prezz determinat, li kellu jitħallas in parti bi flus u in parti bid-dazzjoni "in solutum" ta' karrozza oħra li lilha jiġi assenjat valur għal dik l-okkażjoni, u d-danni li jippretendi minn akkwista dik il-karrozza għax min ittrasferihielu dam ma dawwar il-liċenza tagħha favur tiegħu jkunu jikkonsistu fid-deprezzament li tkun sofriet il-karrozza meta jkun sar it-trasferiment tal-liċenza, il-kriterju għall-kalkolu ta' dan id-deprezzament ma għandux ikun dak tad-differenza bejn il-valur assenjat lill-karrozza meta saret l-operazzjoni tad-dazzjoni "in solutum" tagħha u l-prezz li ġġib l-istess karrozza fil-bejgħ tagħha b'irkant, iżda dak tad-differenza bejn il-prezz li l-akkwirent tagħha kien jirrealizza mil-bejgħ li kellu okkażjoni li jagħmel tagħha, u li ma għamelx għax ma kienx sar it-trasferiment tal-liċenza, u l-prezz li jiġi realizzat mill-bejgħ tagħha fl-irkant.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem l-Onorab-

**bli Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi b'"Agreement" tat-8 ta' Awissu 1951 hu biegħ lill-konvenut Portelli, għad-ditta "Edgar Portelli", karrozza Austin 16 H.P. Hereford Model bil-prezz ta' £830, u li l-konvenut ħallas £430, u l-bilanċ paċieħ billi ta lill-attur "in exchange" karrozza second hand Austin 16 H.P. numru 8341, liema karrozza ġiet mill-partijiet stmata £400; u illi l-konvenuti, non ostante diversi nterpellazzjonijiet, għadhom ma dawrux il-liċenza tal-karrozza f'ismu, kif kienu ftehmu li kellhom jagħmlu, u konsegwentement b'dan il-mod hu tilef diversi okkażjonijiet li kellu ta' bejgħ ta' dik il-karrozza, u minħabba dan l-aġir tal-konvenuti huwa, il-lum, sofra telf u deprezzament fl-istess karrozza; u li hu pprotesta legalment fil-31 ta' Mejju 1954 kontra dan l-aġir tal-konvenuti; talab (1) li jiġi ordnat lill-konvenut biex fi żmien qasir u perentorju jdawru f'ismu l-liċenza tal-imsemmija karrozza numru 8341; (2) li fil-każ dan it-trasferiment ma jsirx fiż-żmien prefiss, il-konvenuti jiġu dikjarati responsabbli tad-danni minnu sofferti, u kundannati li jħallsu lilu, in linea ta' danni, dik is-somma li tiġi likwidata, okkorrendo per mezz ta periti; (3) u in difett tat-trasferiment tal-liċenza fiż-żmien prefiss, l-istess konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu s-somma ta' £400, bilanċ tal-prezz minnhom dovut għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-31 ta' Mejju 1954, u bl-interessi legali mid-data tal-ftehim;**

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Mejju 1955, li biha rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u s-sentenza l-oħra ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Diċembru 1961, li biha ddeċidiet fuq it-tliet domandi avanzati bl-att taċ-ċitazzjoni billi ddikjarat lill-konvenuti responsabbli għad-danni li d-ditta attriċi ppruvat li sofriet, 'likwidat il-valur ta' dawk id-danni fid-differenza bejn il-rezz li ġġib il-karrozza Austin numru 8341, 16 H.P., mil-igħ tagħha kif sejjer jingħad u s-somma ta' £400 li għa-a l-karrozza ġiet stmata; u ordnat li l-istess karrozza i mibjugħa per mezz tal-istess perit ġudizzjarju bl-aħjar d li jkun jidhirlu biex iġib l-aħjar prezz; liema prezz,

dedotti l-ispejjeż tal-bejgħ u d-dritt tal-perit, li huma a kariku tal-konvenuti, jiġi mogħti mill-perit lid-ditta attriċi; u l-konvenuti jibqgħu kundannati jħallsu lill-istess ditta attriċi d-differenza bejn is-somma konsegwita middittа attriċi u s-somma ta' £400 fuq imsemmija; ordnat ukoll li l-ispejjeż tal-kawża, ċjoè tat-tliet domandi relattivi jitħallsu mill-konvenuti. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-fatti li ppreċedew u li taw lok għall-kawża, kif jirriżulta mid-dok. fol. 5 tal-proċess u mill-provi li saru quddiem il-perit, huma fil-qosor dawn:— Fit-8 ta' Awissu 1951 sar ftehim li d-ditta attriċi tbiegħ lil A. Portelli għad-ditta konvenuta karrozza Austin 16 H.P. mudell "Hereford", bil-prezz ta' £830; liema prezz il-konvenut kellu jħallsu billi jagħti lid-ditta attriċi £430 flus u karrozza oħra Austin 16 H.P. numru 8341 li kienet ġiet stmata £400. Fl-istess ġurnata l-konvenut Joseph Portelli nforma lill-Pulizija li kien biegħ l-imsemmija karrozza numru 8341 lid-ditta attriċi. Din il-karrozza kienet reġistrata f'isem dan Joseph Portelli fil-kwalità tiegħu ta' prokuratur tal-konvenuta Maria Portelli, ommu, bħala użufruttwarja tal-ġid li kien ħalla Edgar Portelli, ġa żewġha; u għalhekk fil-filza relattiva fil-"Licensing Department" tal-Pulizija kien hemm notament fis-sens li t-transfer tal-liċenza ma jistgħax isir jekk ma jiġux prodotti d-dokumenti neċessarji. Is-surġent inkarikat mill-liċenza tal-karrozza għaldaqstant avża lill-imsemmi Joseph Portelli b'dan kollu, u talbu jipproduċi d-dokumenti meħtieġa. L-imsemmi Portelli dam ħafna biex jipproduċi dawk id-dokumenti, fosthom digriet in data 14 ta' Jannar 1955, tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sekond'Awla), awtorizzanti lill-konvenuta Maria Portelli, bħala tutriċi ta' wliedha minorenni Gaetano, Alfred, Rose, Agnes Mary, Luigi u Stella, biex tagħmel it-trasferiment tal-imsemmija liċenza; liema digriet ġie mogħti f'dak l-istess jum li fih ġie preżentat ir-rikors li bih saret l-analoga domanda. Inoltre, meta ġie ottenut dak id-digriet u ġie preżentat lill-Pulizija, l-imsemmi Surġent Gusman, li ra li kienet għadha tonqos l-awtorizzazzjoni tal-maġġjorenni, talab din l-awtorizzazzjoni, u din ġiet preżentata wara. Il-Pulizija kienet infurmat lill-konvenuti aktar minn darba u mill-ewwel li t-trasferiment tal-liċenza ma jistgħax isir qabel ma jiġu prodotti d-dokumenti rikjesti;

Illi mill-premess jirriżulta, kwindi, illi d-ditta attriċi kienet ġustifikata tagħmel il-kawża preżenti, għaliex kien għadda bosta żmien mingħajr ma l-konvenuti ħadu l-passi biex jagħmlu dak li kien meħtieġ biex isir it-trasferiment tal-liċenza; u difatti dawn il-passi ħaduhom wara li bdiet *il-kawża, u kien ħtija tagħhom* biss li dawk *il-passi ma ġewx* meħuda. Inveru, l-imsemmi Joseph Portelli kien ġie avżat mis-Surġent Gusman li kien hemm bżonn l-imsemmijin dokumenti; u inoltre, fis-6 ta' Marzu 1954 ġie nfurmat, b'ittra minn għand id-ditta attriċi, illi din kienet ġa tilfet l-okkażjoni li tiddisponi mill-karrozza minħabba n-nuqqas *tat-trasferiment* tal-liċenza, u illi l-istess ditta kellha okkażjoni oħra biex tiddisponi mil-karrozza, u ġie mitlub jeffettwa t-trasferiment sal-15 ta' Marzu 1954. Intant, ir-rikors lill-Qorti kompetenti għall-awtorizzazzjoni għannom tal-minorenni ġie preżentat kważi sena wara, meta kienet ġa bdiet il-kawża; u l-awtorizzazzjoni tal-maġġjorenni waslet lill-Pulizija aktar tard tliet xhur wara li kienet bdiet il-kawża;

Tikkunsidra;

Illi minn dak li ġie rilevat jirriżulta illi l-lum tiesta dak li kien meħtieġ għat-trasferiment tal-liċenza, oġġett tal-ewwel talba avanzata bl-att taċ-ċitazzjoni, u kwindi t-*tielet talba lanqas ma hemm lok għaliha, għalkemm, kif* ġa aktar il-fuq ġie rilevat, kien hemm lok għaż-żewġ domandi meta ġie mid-ditta attriċi preżentat l-att taċ-ċitazzjoni; u kwindi l-ispejjeż relattivi għandhom imorru kontra l-konvenuti. Il-konvenuti huma wkoll responsabbli għad-danni sofferti mid-ditta attriċi, minħabba fid-dewmien għat-tras*feriment* tal-liċenza favur l-istess ditta attriċi, u għaliex, kif qal il-perit, "mingħajr it-trasferiment, dak li jkun akkwista l-car legalment ma jkun akkwista xejn". Dawn id-danni peress li d-ditta attriċi ma ppruvatx soddisfaċentement danni oħra, jikkonsistu fid-deprezzament li sofriet l-imsemmija karrozza numru 3841;

Riferibbilment *għall-likwidazzjoni tal-istess danni*, il-perit issottometta illi f'każi simili huwa wisq diffiċli li jiġu stmati d-danni, l-għaliex dawn iridu jikkonsistu fil-"quantum" tad-deprezzament li sofriet il-car 8341. Kwalunkwe

ammont illi l-esponenti (il-perit) jillikwida aktarx li jkun żbaljat, għaliex jista' dejjem jirriżulta li dan l-ammont ma jkunx dak xieraq u ġust, peress li "second hand car" tista' dejjem iġġib prezz akbar minn dak li bih tiġi stmata, kif ukoll, mill-banda l-oħra, tista' l-istess "second hand car" iġġib prezz anqas minn dak li bih tkun ġiet stmata;

Għalhekk, il-perit issottometta illi l-imsemmija karrozza numru 8341 Austin 16 H.P. tiġi mibjugħa, u l-prezz rikavat mill-bejgħ jiġi konsenjat lid-ditta attriċi akkont tas-somma ta' £400, b'liema valur ġiet stmata l-istess karrozza fiż-żmien tal-bejgħ fuq imsemmi; bil-kondizzjoni li l-konvenuti jħallsu lill-istess ditta attriċi l-bilanċ għas-saldu tal-istess somma ta' £400; u dan sabiex wieħed ikun żgur li l-karrozza tkun ġiebet fis-suq lokali l-aħjar prezz. U l-Qorti ma ssib ebda raġuni biex ma takkoljix is-suġġeriment tal-perit;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti proprio et nomine fol. 86, limitata għas-sentenza fuq imsemmija tal-14 ta' Diċembru 1961, u l-petizzjoni tagħhom fol. 87, li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata, u li jiġu miċħudin it-talbiet tal-attur nomine; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

In-negozju li minnu oriġinat din il-kawża hu dak inkorporat fl-iskrittura Dok. A fol. 5. li bih l-attur nomine biegħ lil A. Portelli (il-Konvenut Anthony Portelli) karrozza "Hereford" bil-prezz ta' £830, li minnhom £430 kellhom jitħallsu in kontanti, mentri l-bilanċ ta' £400 kellu jiġi estint bid-"datio in solutum" ta' karrozza Austin No. 8341;

L-attur nomine jsostni li kien hemm mil-parti tal-kontraent l-ieħor inadempjenza kolpuża fid-dewmien tiegħu li jagħmel dak kollu li jkun jeħtieġ sabiex il-liċenza relattiva għall-karrozza mogħtija in pagament tista' tiġi trasferita f'isem l-attur nomine. Din il-karrozza, infatti, kienet tad-

ditta "Portelli", u fiha kienu nteressati adulti oħra minbarra l-konvenut Anthony Portelli, u anki tfal minuri;

Wieħed mill-punti ta' kontestazzjoni u għalhekk wieħed mill-aggravji dedotti in sostenn ta' dan l-appell, hu illi, skond il-konvenuti, ma kien hemm ebda obligu mill-parti tagħhom li jagħmlu t-transfer tal-liċenza. Dan l-ilment hu manifestament insostenibbli; għaliex, peress li ebda karrozza ma tista' tiġi wżata ammenokkè ma jkollhiex liċenza maħruġa f'isem dak li jkun attwalment sidha (Reg. 19 Traffic Regulations), u peress li, b'liġi, għandhom isiru, f'każ ta' trasferiment ta' karrozza, il-formalitajiet tat-trasferiment tal-liċenza (Reg. 25 ibid.), hu għalhekk ovvju li min ibiegħ karrozza lil ħadd ieħor għandu l-obligazzjoni, indotta mil-liġi stess, li jagħmel dak kollu li jeħtieġ sabiex l-akkwirent ikun jista' jutilizza l-karrozza lilu trasferita. Il-konvenut Anthony Portelli ma setgħax ma kienx jaf b'dan l-obligu, u ma setgħax ma jkunx jaf li l-attur nomine, bħala neguzjant fil-karrozzi, kien intitolat li jsir favur tiegħu bla dewmien it-trasferiment tal-liċenza sabiex huwa jkun jista' jinnegozja l-karrozza mal-ewwel opportunità favorevoli li tippreżenta ruħha. Jekk, stante l-pertinenza tal-karrozza mogħtija in kambju, kienu jeħtieġu formalitajiet oħra, minbarra d-dikjarazzjoni li dan Portelli ffirma kontestwalment mal-iskrittura, kien dmir tal-konvenut Anthony Portelli u tal-interessati l-oħra li jagħmluhom: tant għaliex kienu jiddependu minnhom u kienu neċessarji minħabba l-pertinenza tal-karrozza, kemm ukoll għaliex kienu parti mit-trasferiment tal-istess karrozza. Anki jekk Milanes, jew xi impjegat ieħor, seta' qal lil Anthony Portelli li jieħu ħsieb hu, dan ma setgħax ħlief ifisser li dak il-mument, u f'dak l-istadju, hu kien sejjer jieħu ħsieb jinoltra lill-Kummissarju tal-Pulizija d-dikjarazzjoni meħtieġa skond ir-Reg. 25 tat-Traffic Regulations imma ċertament ma jfisserx li b'daqshekk il-konvenut Portelli, jew l-interessati l-oħra, kienu qegħdin jiġu eżentati milli jagħmlu dawk il-formalitajiet ulterjuri li l-ispettanza partikulari tal-karrozza "de qua" kienet teħtieġ;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-addebitu tad-dewmien, u għalhekk in-

adempjenza kolpuża, is-Surġent Gusman xehed li l-għada tal-ġurnata li fiha hu kien irċieva, fil-kwalità tiegħu uffiċjali l-avviż tat-trasferiment tal-karrozza Austin (u għalhekk fid-9 ta' Awissu 1951) hu avża lill-konvenut Joseph Portelli li, sabiex tista' tiġi mbiddla l-intestatura tal-liċenza, kien hemm bżonn ta' dokumenti oħra (fol. 63). Kien verosimili li din l-intima ssir malajr; waħda, għaliex is-Surġent Gusman kellu fil-file notament dwar in-neċessità ta' dawn id-dokumenti; u t-tieni, għaliex dan kien appuntu l-uffiċjal li għandu jikkura li jiġu sollecitament regolati dawn it-trasferimenti sabiex tkun regolarizzata r-responsabbiltà tat-titolari tal-karrozza, u sabiex jitħallsu d-drittijiet relattivi. Fix-xhieda tiegħu, il-konvenut Joseph Portelli qal li hu ma jiftakarx f'din it-telefonata tal-Pulizija u f'dan l-avvertiment tas-Surġent Gusman, imma qal li ma setgħax jeskludihom (fol. 65). Il-konvenut Anthony Portelli jgħid li lilu ma saretx ebda telefonata; iżda dan ma għandux importanza għaliex is-Surġent Gusman m'hux lilu, iżda lil ħuħ Joseph ittelefona. Il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma temminx ix-xhieda tas-Surġent Gusman, mhux indebbolita bid-dikjarazzjoni kwalifikata tal-konvenut Joseph Portelli. Ma hemmx dubju li l-atteġġjament tal-konvenuti kien dilatorju. Avvolja, infatti, id-ditta ġiet interpellata fl-ittra eżibita in kopja fol. 6, fis-6 ta' Marzu 1954, kien biss fl-14 ta' Jannar 1955 li huma ċċaqalqu biex jippreżentaw rikors fis-Sekond'Awla, li ġie dekretat dak inhar stess. U avvolja s-Surġent Gusman kien qalilhom, wara li ra d-digriet tal-Qorti li kienet teħtieġ l-adeżjoni tal-maġġjoreni (xh. tiegħu fol. 63), din l-adeżjoni, milli jidher, saret biss xahrejn wara, f'xi l-15 ta' Marzu 1955 (ara dok. AA tergo fol. 12). Lanqas in-notifika taċ-ċitazzjoni, li saret fl-20 ta' Diċembru 1954, ma swiet biex taċċelera r-regolament tad-diffikultà mill-parti tal-konvenuti, ħlief, kif jidher "supra", żmien wara. Anki l-intima fol. 6, magħmula fl-1954 b'terminu sat-18 ta' Marzu ta' dik is-sena, ma kellhiex l-effett desiderat ħlief fl-1955, kif jirriżulta minn dak li ngħad. Intant, l-iskrittura kienet tal-1951. Mix-xhiediet ta' Emmanuele Zammit fol. 22 u minn dik ta' Richard Vincenti Kind fol. 59-60, jidher ukoll li l-attur nomine kien avverta lill-konvenuti bl-intima tal-Pulizija, li (kompla jgħid) ma dametx wara n-negozju "de quo";

Min dan il-kumpless ta' provi u nferenzi mhux vulnerati mix-xhiediet taż-żewġ konvenuti aħwa Portelli, din il-Qorti taqbel ma' dik tal-Ewwel Grad li kien hemm mill-parti tal-konvenuti inadempjenza kolpuża, li għaliha għandhom *jirrispondu in linea ta' danni;*

Ikkunsidrat;

Kwantu għal dawn id-danni, ma hux in kontrast li ma humiex pretiżi danni oħra ħlief dawk konsistenti fid-deprezzament tal-karrozza. L-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet dan id-deprezzament jikkonsisti fid-differenza bejn il-prezz ta' £400 fissat bħala valur tal-karrozza Austin mogħtija bi ħlas u l-prezz li eventwalment iġġib dik il-karrozza fil-bejgħ ordnat mill-istess Qorti fis-sentenza appellata. Din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma taqbelx ma' dan il-kriterju. Infatti, hu risaput li f'negozji simili, fejn jinxtara car ġdid in parti bi prezz u in parti b'dazzjoni "in solutum" ta' car *ieħor*, il-valur assenjat lill-car li jkun "traded in" ikun daqsxejn gonfjat, bħala attrazzjoni għax-xerrej tal-car il-ġdid; u anki għax l-aġent bejjiegħ tal-car il-ġdid isib it-tornakont tiegħu f'miżura rimunerattiva fil-prezz tal-car il-ġdid bid-"discount" u l-"commission" li jkollu mid-ditta ta' barra. Tant hu hekk li f'dan il-każ, kif jidher mix-xhieda tal-attur stess, din il-kawża ma kienetx issir kieku hu seta' avvalixxa ruħu mill-okkażjoni li kellu li jbiegħ il-karrozza Austin bil prezz ta' bejn £280 u £320. "diciamo", in koaċerv, £300 (ar. xhieda tiegħu fol. 62). Żgur li sal-15 ta' Marzu 1954 (ara ittra fol. 6) l-attur ma kienx jilmenta kieku l-liċenza ġiet trasferita sa dak inhar. Jiżdied li, skond l-istess xhieda tal-attur *fuq riferita*, dan il-prezz ta' — in medja — £300 kien ġie offert lilu qabel il-proċeduri għalhekk qabel l-1954; u hu qal li kien jaċċettah. Minn dan kollu jidher li jkun aktar sewwa illi d-deprezzament jiġi kalkulat fid-differenza bejn il-prezz tat-£300 u dak eventwalment rikavabbli mill-bejgħ ordnat;

Ma jidherx li dan it-tibdil fis-sentenza tal-Ewwel Istanza għandu jġib xi temperament fl-ispejjeż, għaliex mill-punto di vista tat-tassazzjoni tal-ispejjeż l-ammont tad-deprezzament kien fiż-żewġ istanzi, fluwidu, dipendenti mir-riżultat eventwali tal-bejgħ ordnat. Jidher ukoll

konvenjenti, stante l-kundanna tal-konvenuti li jħallsu d-differenza eventwali, li fl-attijiet ikun jirriżulta liema sejra tkun din id-differenza, u għalhekk qiegħed jiżdied ordni lill-perit Dr. Vella "uti infra";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tipprovdi fuq l-appell fis-sens li tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan biss li l-prezz ta' konfront mar-rikavat eventwali jkun, mhux ta' £400, iżda ta' £300, u l-kundanna għall-ħlas tkun hekk regolata. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti nomine. Dottor Vella għandu jieħu ħsieb jippreżenta fl-attijiet ta' din il-kawża, fi żmien ħmistax il-ġurnata mill-ultimazzjoni tal-proċeduri tal-bejgħ nota li fiha jindika r-riżultat tal-bejgħ;

L-aċċettazzjoni tal-aħjar offerta għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni tal-Qorti.